The FES may also decide not to proceed further with the Expression of Interest process. The bidder shall consider the submission of an expression as acceptable on the terms and conditions outlined in this document. Each bidder shall be solely responsible for the fees, costs and expenses incurred in participating in the present procurement process, and FES will under no circumstances be liable for any such fees, costs, expenses, re-imbursements, loss or damage whatsoever arising out of or in connection with the proposal process.

Submissions are to be submitted by email on (procurement.fes@gov.mt) quoting the above Title and Reference Number of this Expression of Interest, and the name of the bidder, not later than Tuesday, 23rd January, 2024.

9th January, 2024

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

AZ001/2024 Ground floor common area and office space refurbishment works at Marsaxlokk Youth Activity Centre Marsaxlokk – Aġenzija Żgħażagħ

Aġenzija Żgħażagħ requests the services of a contractor to carry out the ground floor common area and office space refurbishment works at Marsaxlokk Youth Activity Centre, Triq San Franġisk, Marsaxlokk.

More information can be downloaded from the Aġenzija Żgħażagħ website (https://youth.gov.mt/request-for-quotations/).

Interested parties will be requested to contact Rowena Borg on 9989 1714 to schedule an on-site meeting from Monday to Friday from 8.30 a.m. till 3.00 p.m., from Wednesday, 10th January, 2024 to Friday, 26th January, 2024. Interested bidders are to submit a detailed itemised submission of labour and material including a literature review of the proposed products, together with the financial package made up of a global price VAT inclusive, to Aġenzija Żgħażagħ (ex Umberto Calosso), Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013, in a sealed envelope for the attention of Rowena M. Borg, by noon (Central European Time) of Monday, 29th January, 2024.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above-stipulated deadline. These applications will be acknowledged in writing by Aġenzija Żgħażagħ within one working day.

Late applications will not be considered.

Further information or queries may be obtained from Rowena M. Borg on telephone number 9989 1714, from Monday to Friday from 8.30 a.m. to 3.00 p.m., or by email to (rowena.borg@gov.mt).

9th January, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 10 ta' Jannar, 2024.

ERU0401U23 Medicinals
ERU0401U23A Medicinals
ERU0401U23 Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Id-9 ta' Jannar, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 11 ta' Jannar, 2024.

ERU0501U24A – Medicinal
ERU0501U24B – Medicinal
ERU0501U24C – Medicinal
ERU0501U24D – Medicinal
ERU0501U24 – Medicinal
ERU0501U24 – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Id-9 ta' Jannar, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

CFT 021-3015/24. Provvista ta' Bowel Cleansing

ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Jannar, 2024, ġie mħassar.

Id-9 ta' Jannar, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 10th January, 2024.

ERU0401U23 Medicinals
ERU0401U23A Medicinals
ERU0401U23 Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU Website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

9th January, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 11th January, 2024.

ERU0501U24A – Medicinal
ERU0501U24B – Medicinal
ERU0501U24C – Medicinal
ERU0501U24D – Medicinal
ERU0501U24 – Medicinal
ERU0501U24 – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU Website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

9th January, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

CFT 021-3015/24. Supply of Bowel Cleansing

published on the Government Gazette of 5th January, 2024 has been cancelled.

9th January, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, it-30 ta' Jannar, 2024. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 021-3016/24. Provvista ta' Clobazam 10mg tablets

CFT 021-3017/24. Provvista ta' Trihexyphenidyl Hydrochloride (Benzhexol Hydrochloride) 2mg Tablets

CFT 021-3018/24. Provvista ta' Morphine sulfate/hydrochloride 100mg tablets

CFT 020-3019/24. Provvista ta' Sterile Intravenous Cannula 24g x 19mm

CFT 021-3020/24. Provvista ta' Acetylcysteine 200mg/mL injections

CFT 020-3021/24. Provvista ta' Microvascular anastomotic couplers for plastic surgery (€7042.00)

CFT 009-3022/24. Provvista ta' Domestic Hot Water Accumulators fl-Isptar Mater Dei

CFT 021-3023/24. Provvista ta' Trametinib 0.5mg Tablets/Capsules

CFT 019-3024/24. Servizzi ta' Telephony Service Consultant għall-Isptar Mater Dei (Sptar Mater Dei) u Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo (SAMOC)

CFT 020-3025/24. Provvista ta' Diagnostic Deflectable Decapolar Electrophysiology catheters with attaching cables

CFT 020-3026/24. Provvista ta' Single use guide wire

Id-dokumenti tal-offerta huwa mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Id-9 ta' Jannar, 2024

KUNSILL LOKALI Ż-ŻURRIEQ

Il-Kunsill Lokali ż-Żurrieq jgħarraf li:

Sejħiet għall-offerti mill-Kunsill Lokali ż-Żurrieq permezz tal-ePPS sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Frar, 2024, għal:

Avviż Nru. SMP 67/01/24. Provvista, installazzjoni u manutenzjoni ta' sistema ta' 'smart parking' fiż-żona urbana ta' iż-Żurrieq.

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 30th January, 2024. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 021-3016/24. Supply of Clobazam 10mg tablets

CFT 021-3017/24. Supply of Trihexyphenidyl Hydrochloride (Benzhexol Hydrochloride) 2mg Tablets

CFT 021-3018/24. supply of Morphine sulfate/hydrochloride 100mg tablets

CFT 020-3019/24. Supply of Sterile Intravenous Cannula 24g x 19mm

CFT 021-3020/24. Supply of Acetylcysteine 200mg/mL injections

CFT 020-3021/24. Supply of Microvascular anastomotic couplers for plastic surgery (€7042.00)

CFT 009-3022/24. Supply of Domestic Hot Water Accumulators for Mater Dei Hospital

CFT 021-3023/24. Supply of Trametinib 0.5mg Tablets/Capsules

CFT 019-3024/24. Services of a Telephony Service Consultant for Mater Dei Hospital (Mater Dei Hospital) and Sir Anthony Mamo Oncology Centre (SAMOC)

CFT 020-3025/24. Supply of Diagnostic Deflectable Decapolar Electrophysiology catheters with attaching cables

CFT 020-3026/24. Supply of Single use guide wire

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

9th January, 2024

ŻURRIEQ LOCAL COUNCIL

The Żurrieq Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Żurrieq Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. on Friday, 9th February, 2024, for:

Advt. No. SMP 67/01/24. Supply, installation and maintenance of a smart parking system in the urban centre of Żurrieq.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Id-9 ta' Jannar, 2024

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

9th January, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

35

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-20 ta' Diċembru, 2023, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 2201/2023/1TA, li ġie ppreżentat fil-5 ta' Awwissu, 2021, fl-ismijiet: Bartolo Raymond noe vs Cairns Patricia, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex iżommha milli tkompli tagħmel l-imsemmija ħwejjeġ.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-10 ta' Jannar, 2024, fil-11.30 a.m.

Notifika: Cairns Patricia, Bonsai, Flat 7, Triq il-Wileġ, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Jannar, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 20th December, 2023, in the acts of the Warrant of Prohibitory Injunction number 2201/2023/1TA, which was presented on the 5th August, 2021, in the names: Bartolo Raymond noe vs Cairns Patricia, the following publication was ordered pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12, to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order the issuance of a Warrant of Prohibitory Injunction in order to prevent her from continuing to do the mentioned works.

The Warrant of Prohibitory Injunction in the names mentioned above is postponed to 10th January, 2024, at 11.30 a.m.

Notification: Cairns Patricia, Bonsai, Flat 7, Triq il-Wileg, St Paul's Bay

Register of the Superior Courts, today 2nd January 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

36

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' Settembru, 2023, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1766/2023/1JD2, li ġie ppreżentat fit-12 ta' Settembru, 2023, fl-ismijiet: Zarb Luciano vs Mercieca Alex sive Alexander, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna l-ħruġ ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-18 ta' Jannar, 2024, f'12.00 p.m.

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 25th September, 2023, in the acts of the Warrant of Prohibitory Injuction number 1766/2023/1JD2, which was presented on the 12th September, 2023, in the names: Zarb Luciano vs Mercieca Alex sive Alexander, the following publication was ordered pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12, to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order the issuance of this Warrant of Prohibitory Injuction against the respondent.

The Warrant of Prohibitory Injuction in the names mentioned above is postponed to 18th January, 2024 at 12.00 p.m.

Notifika: Mercieca Alex, 4, Anil, Triq il-Ħawt, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Ottubru, 2023.

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Mercieca Alex, 4, Anil, Triq il-Ħawt, Swieqi

Register of the Superior Courts, today 30th October, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

37

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Settembru, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 835/2023MH, li ġie ppreżentat fil-31 ta' Lulju, 2023, fl-ismijiet: Fiorini Michael et vs Laus Christian, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lill-intimat Christian Laus jiżgombra mill-fond 17, ġja 7, Sqaq l-Għajn, Il-Ħamrun, fi żmien qasir u perentorju. Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-19 ta' Jannar, 2024, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Laus Christian, 17, Sqaq l-Għajn, Il-Ħamrun

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illu 3 ta' Jannar, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on the 27th September, 2023, in the acts of Sworn Application number 835/2023MH, which was presented on the 31st July, 2023, in the names: Fiorini Michael et vs Laus Christian, the following publication was ordered pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12, to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order the respondent Christian Laus to evict from premises 17, gia 7, Sqaq l-Għajn, Ħamrun, in a short and peremptory time. With all costs against the respondent who is now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 19th January, 2024, at 9.00 a.m.

Notification Respondent: Laus Christian, 17, Sqaq l-Għajn, Ħamrun

Register of the Superior Courts, today 3rd January, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

38

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fil-25 ta' Ottubru, 2023, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 420/2023GM, li ġie ppreżentat fl-24 ta' Awwissu, 2023, fl-ismijiet: Scerri Alexander vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati jħallsu l-istess kumpens u danni likwidati, ai termini tal-liġi. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimati, li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-23 ta' Jannar, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Laferla John k/a Ivan u Laferla Mary k/a May, 252, Triq Sant'Elena, Tas-Sliema

By decree issued by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction on the 25th October, 2023, in the acts of Constitutional Application number 420/2023GM, which was presented on the 24th August, 2023, in the names: Scerri Alexander vs The State Advocate et, the following publication was ordered pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12, to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondents to pay the same compensation and liquidated damages, in terms of this stipulated by law. With all the costs against the respondents, who are now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 23rd January, 2024, at 9.30 a.m.

Notification Respondent: Laferla John k/a Ivan u Laferla Mary k/a May, 252, Triq Sant'Elena, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Novembru, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Register of the Superior Courts, today 13th November, 2023

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

39

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Diċembru, 2023, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Maria Stella Scicluna vs John Paul Scicluna, Rikors Nru 127/2017AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' John Paul Scicluna a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 14th December, 2023, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Maria Stella Scicluna vs John Paul Scicluna, Application Number 127/2017AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent John Paul Scicluna in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' rikors fl-atti tar-rikors numru 127/2017AL fl-ismijiet Maria Stella Scicluna (KI 383277M) vs John Paul Scicluna, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fis-7 ta' Novembru, 2023, ir-rikorrenti Maria Stella Scicluna (KI 383277M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

By means of an application in the records of application number 127/2017AL in the names Maria Stella Scicluna (ID 383277M) vs John Paul Scicluna, filed in the Civil Court (Family Section), on the 7th November, 2023, the applicant Maria Stella Scicluna (ID 383277M) requested this Honourable Court so that:

1. Tordna li b'effett mid-data tal-eventwali digriet 'il quddiem, l-intimat jiġi kkundannat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €1,100 bħala manteniment għaż-żewġ ulied bniet minuri tal-partijiet, liema somma għandha tinkorpora fiha b'mod komplessiv kull spiża relatata mas-saħħa, l-edukazzjoni u l-attivitajiet ekstrakurrikulari tal-minuri, u għandha titħallas permezz ta' bank transfer bil-quddiem fl-ewwel (1) jum ta' kull xahar;

1. Order that with effect from the date of the eventual decree onwards, the respondent be condemned to pay the applicant the sum of €1,100 as maintenance for the two minor daughters of the parties, which sum shall incorporate in its entirety all expenses related to the health, education and extra-curricular activities of the minors, and shall be paid by means of a bank transfer in advance on the first (1) day of each month;

2. Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti sehmu mill-arretrati tal-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u attivitajiet ekstrakurrikulari ammontanti għas-somma ta' €10,291;

2. Order the respondent to pay the applicant his share of the arrears of health and education expenses and extra-curricular activities amounting to the sum of €10,291;

3. Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €362.04 rappreżenanti żidiet fil-manteniment skont l-għoli tal-ħajja u li ma ġewx imħallsa.

3. Order the respondent to pay the applicant the amount of €362.04 representing increases in maintenance according to the cost of living and which were not paid.

U dan salv kwalsijasi ordni jew provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

And this saving any order or provision that this Honourable Court deems fit and opportune.

Rikorrenti: 7, Triq Bir ir-Riebu, Ir-Rabat

Applicant: 7, Triq Bir ir-Riebu, Rabat

Notifika intimat: John Paul Scicluna, 114, Main Street, Ħal Balzan

Notification respondent: John Paul Scicluna, 114, Main Street, Ħal Balzan

Ir-rikors fl-ismijiet Maria Stella Scicluna vs John Paul Scicluna, Rikors numru 127/2017AL, jinsab differit għas-16 ta' Jannar, 2024, fid-9.15 a.m.

The Application in the names Maria Stella Scicluna vs John Paul Scicluna, Application number 127/2017AL, has been postponed for hearing to the 16th January, 2024, at 9.15 a.m.

Qorti (Sezzjoni tal-Familja)

Civil Courts (Family Section)

L-Onor. Imħallef Abigail Lofaro, LLD, Dip. Stud Rel. Mag. Jur. (Eur. Law).

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Maria Stella Scicluna tas-7 ta' Novembru, 2023,

Tordna n-notifika lill-kontroparti b'ħamest (5) ijiem utili għar-risposta.

Illum 8 ta' Novembru, 2023

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 5 ta' Jannar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Honourable Madam Justice Abigail Lofaro, LLD, Dip. Stud Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)

The Court,

Saw the application of Maria Stella Scicluna dated 7th November, 2023,

Orders the notification to the counterparty with five working days within which to submit a reply.

Today 8th November, 2023

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 5th January, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

40

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Novembru, 2023, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 203/2023JPG fl-ismijiet Savanna Hibbetts vs Jessica Hibbetts, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Jessica Hibbetts a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta rikors fl-ismijiet Savanna Hibbetts (Permess ta' Residenza Maltija numru MT6278373) vs Jessica Hibbetts née Zammit (KI 0024090M) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 203/2023JPG, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Awwissu, 2023, ir-rikorrenti Savanna Hibbetts (Permess ta' Residenza Maltija bin-numru MT 6278373) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Unjoni tat-23 ta' Marzu, 2021, bejn il-kontendenti huwa null u bla effett tal-liġi;

2. Tordna li konsegwentement lir-Reġistru Pubbliku jannota tali nullità tal-att tal-Unjoni bin-numru 151/2021.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija minn issa inġunta in subizzjoni.

Il-kawża fl-ismijiet Savanna Hibbetts vs Jessica Hibbetts (Rikors numru 203/2023JPG) hija differita għat-22 ta' Jannar, 2024, fil-10.00 a.m.

Rikorrenti: 11733, Aurora St Apt 7, Eagle River, Alaska, 99577, USA

By means of a decree of the 16th November, 2023, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Savanna Hibbetts vs Jessica Hibbetts, Application number 203/2023JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jessica Hibbetts in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the Sworn Application number 203/2023JPG in the names Savanna Hibbetts (Maltese Residence Permit number MT6278373) vs Jessica Hibbetts née Zammit (ID 0024090M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 30th August, 2023, the applicant Savanna Hibbetts (Maltese Residence Permit number MT6278373) requested this Honourable Court to:

1. Declare and decide that the Civil Union of the 23rd March, 2021, between the parties is declared null and void at law;

2. Order consequently the Public Registry to note such nullity of the act of the Civil Union bearing number 151/2021.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made.

The application in the names Savanna Hibbetts vs Jessica Hibbetts, Application number 203/2023JPG, has been postponed for hearing to the 22nd January, 2023, at 10.00 a.m.

Applicant: 11733, Aurora St Apt 7, Eagle River, Alaska, 99577, USA

Notifika: Jessica Hibbetts, L'Hirondelle, Flat 1, Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 5 ta' Jannar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Jessica Hibbetts, L'Hirondelle, Flat 1, Triq il-Mosta, St Paul's Bay

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 5th January, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

41

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Novembru, 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Michelle Galea vs Vito Salvatore Messina et, Rikors numru 222/2023JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Vito Salvatore Messina u Brigida Sabrina Parisi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Michelle Galea (KI 0391982M) vs Vito Salvatore Messina u Brigida Sabrina Parisi (detenturi rispettivament ta' permessi ta' residenzi Maltin MT 2237604 u MT 285289) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-20 ta' April, 2023, ir-rikorrenti Michelle Galea talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiddikjara li l-konvenuti ma ħallsux il-kera għax-xhur ta' Frar 2023, Marzu 2023 u April 2023, tal-fond ossija flat terran numru 1, Mirage, Melita Flats fi Triq Damasku, Buġibba fl-ammont ta' €2100 u/jew somma verjuri u konsegwentement jiddikjara li l-kirja hija terminata;

2. Jikkundanna lill-konvenuti in solidum iħallsu l-kera dovuta fuq il-fond ossija flat terran numru 1, Mirage, Melita Flats fi Triq Damasku, Buġibba, fl-ammont ta' €2100 u/jew somma verujrui sal-preżentata ta' din il-kawża;

3. Jikkundanna lill-konvenuti jħallsu in solidum l-arretrati ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma u l-ħlas tal-kirja tal-metres tal-fond ossija flat terran numru 1, Mirage, Melita Flats fi Triq Damasku, Buġibba fl-ammont ta' €470.09 u/jew somma verjuri;

4. Jawtorizza lir-rikorenti tirriprendi l-pussess tal-fond ossija flat terran numru 1, Mirage, Melita Flats fi Triq Damasku, Buġibba u jordna lill-intimati jiżgumbraw u jroddu l-pussess battal tal-fond u dan fi żmien qasir u perentorju prefiss minn dan l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kollha inkluż tal-ittra uffiċjali bin-numru 741/2023 u bl-ispejjeż għal kwalunkwe mandanti kawtelatorji fl-ismijiet premessi li jistgħu jsiru mir-rikorrenti sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha. Bl-imgħaxijiet legali sal-pagament effettiv.

By means of a decree of the 6th November, 2023, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Michelle Galea vs Vito Salvatore Messina et, Application number 222/2023JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Vito Salvatore Messina and Brigida Sabrina Parisi in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Michelle Galea (ID 0391982M) vs Vito Salvatore Messina and Brigida Sabrina Parisi (holding maltese residence permit numbers MT 2237604 and MT 285289 respectively) filed before the Rent Regulation Board, on the 20th April, 2023, the applicant Michelle Galea requested this Honourable Board to:

1. To declare that the defendants failed to pay the rent due for the months of February 2023, March 2023 and April 2023 of the ground floor flat at 1, Mirage, Melita Flats, Triq Damasku, Buġibba in the amount of €2,100 and/or any other sum and thus to consequently terminate the lease;

2. To order the defendants to pay in solidum the rent due for the ground floor flat at 1, Mirage, Melita Flats, Triq Damasku, Buġibba, in the amount of €2,100 and/or any other sum until the date of sumbission of this court case;

3. To order the defendants to pay in solidum the arrears of rent and consumption of the water and electricity utilities consumed at the property 1, Mirage, Melita Flats, Triq Damasku, Buġibba, in the amount of €470.09 and/or such other sum.;

4. To authorise the applicant to regain the possession of the premises being a ground floor flat at 1, Mirage, Melita Flats, Triq Damasku, Buġibba and order the defendants to evict and return the vacant possession of the premises and this within a short and peremptory period established by this Honourable Board.

With costs including that of the judicial letter numbered 741/2023 including such costs for any precautionary warrants in the said names that could be lodged in order to conserve and protect the rights of the applicant. With legal interests until effective payment.

B'riżerva ta' kwalsijasi azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti naxxenti mill-fatti kif fuq dikjarati, inklużi danni ulterjuri naxxenti mill-ftehim imsemmi, kif ukoll mill-okkupazzjoni tal-fond inkwistjoni daparti tal-intimati u kull ħlas ieħor li jista' jkun hemm dovut.

Rikorrenti: Narcisa, Triq Manwel Bonnici, San Pawl il-Baħar

Intimati: Vito Salvatore Messina u Brigida Sabrina Parisi, 1, Mirage, Melita Flats, Triq Damasku, Buġibba

Ir-rikors fl-ismijiet Michelle Galea vs Vito Salvatore Messina et, Rikors numru 222/2023JG, jinsab differit għat-22 ta' Jannar, 2024, fl-10.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Jannar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The applicant reserves all rights arising from the facts stated above, including any other damages arising from the lease agreement, as well as from the defendants occupation of the premises and any otehr payments that may be due.

Applicant: Narcisa, Triq Manwel Bonnici, St Paul's Bay

Respondent: Vito Salvatore Messina and Brigida Sabrina Parisi 1 Mirage, Melita Flats, Triq Damasku, Buġibba

The application in the names Michelle Galea vs Vito Salvatore Messina et, Application number 222/2023JG, has been postponed for hearing to the 22nd January, 2024, at 10.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th January, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

42

Permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Novembru, 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Justine Pergola vs Saviour Gauci et Rikors Nru 182/2023JM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Saviour Gauci u Carmen Gauci a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Justine Pergola (KI 0055713A) vs Saviour u Carmen konjuġi Gauci (KI 0309241M u KI 0476852M rispettivament) u l-Awtorità tad-Djar (bħala Amicus Curiae), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-4 ta' April, 2023, ir-rikorrenti Justine Pergola (KI 0055713A) talbet lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimati huma inkwilini tal-fond u ċjoè tal-proprjetà 28A (ġja bin-numru 13, The Farmhouse, Limbordin limiti ta' San Pawl il-Baħar, u dan ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jaħtar perit tekniku bil-għan li jivvaluta skont is-suq miftuħ u liberu u frank il-fond bin-numru 28A (ġja bin-numru 13) The Farmhouse Limbordin, limiti ta' San Pawl il-Baħar;

3. Iwettaq test tal-mezzi tal-intimati u jiddetermina jekk l-istess jissodisfaw l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;

4. F'każ li dan l-Onorabbli Bord isib li l-intimati ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tal-mezzi:

By means of a decree of the 15th November, 2023, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Justine Pergola vs Saviour Gauci et, Application number 182/2023JM, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Saviour Gauci and Carmen Gauci in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Justine Pergola (ID 0055713A) vs Saviour and Carmen spouses Gauci (ID 0309241M and ID 0476852M respectively) and Housing Authority as (Amicus Curiae) filed in the Rent Regulation Board, on the 4th April, 2023, the applicant Justine Pergola (ID 0055713A) requested this Honourable Board why it should not:

1. Declare and decide that the respondents are lessees of the premises and namely of the property 28A (previously number 13), The Farmhouse, Limbordin limits of Saint Paul's Bay, and this in terms of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Appoint a technical architect for the purpose of assessing in terms of the open and free market the premises with number 28A (previously with number 13) the Farmhouse, Limbordin limits of Saint Paul's Bay;

3. Carry out the means of the respondents and determine whether the same satisfy the income and capital criteria of the means test;

4. In case this Honourable Board finds that the respondents do not satisfy the criteria of income and capital of the means:

a) Ixolji l-kirja favur l-intimati tal-fond esponenti, tal-fond bin-numru 28A, (ġja bin-numru 13) The Farmhouse, Limbordin limiti ta' San Pawl il-Baħar,

b) Jagħti żmien perentorju lill-intimati sabiex jivvakaw l-fond u jirrilaxxjawh battal u kundizzjoni tajba favur l-esponenti,

c) Jagħti dawk il-provvedimenti oħra kollha xierqa inkluż li jistabbilixxi l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti għall-użu tal-fond;

5. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimati jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi:

a) Jistabbilixxi l-kera xierqa għal-fond premess skont il-liġi u dawk il-kundizzjonijiet l-oħra, ġusti fis-suq miftuħ tal-lum,

b) Jikkundanna lill-intimati jħallsu l-kera u josservaw il-kundizzjonijiet kollha imposti mid-data ta' dawn il-proċeduri,

c) Salv kull provvediment u dikjarazzjoni oħra li dan l-Onorabbli Bord jidhirlu xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma inġunti in subizzjoni.

Intimati: Saviour Gauci, 28A, The Farmhouse, Limbordin limiti ta' San Pawl il-Baħar
Carmen Gauci, 28A, The Farmhouse, Limbordin limiti ta' San Pawl il-Baħar
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Justine Pergola vs Saviour Gauci et, Rikors numru 182/2023JM, jinsab differit għas-17 ta' Jannar, 2024, fid-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Jannar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

a) Terminate the lease in favour of the respondents of the premises with number 28A, (previously with number 13) the Farmhouse, Limbordin limits of Saint Paul's Bay,

b) Give the respondents a peremptory period to vacate the premises and release it vacant and good condition in favour of the applicants,

c) Give all those other appropriate provisions including to establish the compensation to be paid to the applicant for the use of the premises;

5. In case this Board finds that the respondents satisfy the criteria of income and capital of the means test:

a) Establish the appropriate rent for the premises premised according to law and those other conditions, just in the open market today,

b) Condemn the respondents to pay the rent and observe all the conditions imposed from the date of these procedures,

c) Saving any other provision and declaration that this Honourable Board deems fit and opportune.

With costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their oath be made.

Respondents: Saviour Gauci, 28A, The Farmhouse, Limbordin limits of Saint Paul's Bay
Carmen Gauci, 28A, The Farmhouse, Limbordin limits of Saint Paul's Bay
Housing Authority

The application in the names Justine Pergola vs Saviour Gauci et, Application number 182/2023JM, has been postponed for hearing to the 17th January, 2024, at 9.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th January, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

43

B'digriet tal-5 ta' Ottubru, 2021, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Diċembru, 2023, fuq rikors ta' Chester Holdings Limited (C74645) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 7 ta' Marzu, 2024, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li

By a decree given on the 5th October, 2021, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 22nd December, 2023, on the application of Chester Holdings Limited (C74645), Thursday, 7th March, 2024, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been

għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, talfond hawn taħt deskritt:

a) Il-mezzanin bin-numru uffiċjali erbgħa u għoxrin (24) u denominat bħala 'Mary House' u ġja qabel bl-isem 'Rita', fi Triq Sant'Elija, Birkirkara, eżenti mill-ħlas ta' ċens annwu u perpetwu, illum imwaqqa' u minfloku hemm permess (PA 6128/19) tal-bini attiv biex jinbnew tliet (3) appartamenti, wieħed kull sular u appartament irtirat (setback floor) fir-raba' sular (4th floor), u li se jkollhom aċċess minn komun u lift li jibda mill-ewwel sular u ċjoè mhux mill-pjan terran, konfinanti mit-Tramuntana mal-imsemmija triq, mill-Punent ma' proprjetà ta' Joseph Fenech u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Spiridiona Bezzina jew l-aventi kawża tagħhom jew irjieħ oħrajn verjuri, kif sovrapost għal beni ta' terzi u stmat li jiswa tliet mija u għoxrin elf ewro (€320,000).

b) Il-mezzanin bin-numru uffiċjali tnejn u sebgħin (72), ġja numru għoxrin ittra A (20A), fi Triq Clarence, Tal-Pietà, u ċjoè l-arja mill-ewwel sular 'il fuq u l-entratura mit-triq, li iżda dan huwa suġġett għat-twaqqigħ tal-mezzanin li hemm fl-ewwel sular bħalissa u li l-istess fond huwa suġġett li jerġa' jinbena sa stat ta' shell, bi tqassim differenti bħala appartament numru wieħed fil-kumpless li għad irid jinbena u dan skont il-permess tal-bini attiv (non executable) PA 8150/20, fejn il-mezzanin li hu eżistenti jrid jitwaqqa' u minfloku jinbnew erba' appartamenti, wieħed kull sular u appartament irtirat (setback floor) fil-ħames sular (5th floor), eskluż l-arja formanti parti mill-istess fond, bejn nofs is-saqaf tal-ground floor level sa nofs is-saqaf tal-first floor level, ossija dik l-arja tal-kejl ta' ċirka mija u ħamsa u għoxrin metru kwadru (125m.k) li ladarba l-blokka tiġi kostruwita sejra tifforma l-appartamenti internament immarkat bin-numru wieħed (1) formanti parti mill-istess blokk ta' appartamenti. L-appartamenti se jkollhom aċċess minn komun u lift li jibda mill-ewwel sular u ċjoè mhux mill-pjan terran, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' sitt ewro u tmienja u disgħin ċenteżmi (€6.98) u liema fond jikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija Triq Clarence, mill-Punent mal-mezzanin ġja nnumerat tnejn u għoxrin ittra A (22A) u mit-Tramuntana mal-art żdingata proprjetà tal-aventi kawża ta' Bernarda Aquilina jew irjieħ iktar korretti u stmat li jiswa mitejn elf ewro (€200,000);

c) Terz indiviż (1/3) mill-mezzanin bin-numru erbgħa (4), bl-isem Anil, fi Triq il-Ħawt, is-Swieqi, sitwat fl-ewwel sular, b'aċċess minn Triq il-Ħawt, is-Swieqi, bil-bejt u l-arja tiegħu, u li tikkonfina mill-Majjistral ma' Triq il-Ħawt, filwaqt li mill-Grigal, Xlokk u Lbiċ jikkonfina ma' proprjetà ta' terzi u stmat li jiswa mija u għaxart elef ewro (€110,000).

fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

a) The maisonette with official number twenty four (24) and named 'Mary House' and previously named 'Rita', in Triq Sant'Elija, Birkirkara, exempt from the annual and perpetual ground rent payment, today demolished and instead there is an active building permit (PA 6128/19) to construct three (3) apartments, one on each level and a setback apartment on the fourth (4th) floor, and which will have access from the common area and lift from the first floor and therefore not from the ground floor, bounded north with the said street, west with property of Joseph Fenech and east with property of Spiridiona Bezzina or their successors in title or other correct boundaries, overlying third party property, and is valued at three hundred and twenty thousand euro (€320,000).

b) The maisonette with official number seventy two (72), previously numbered twenty letter A (20A), in Triq Clarence, Tal-Pietà, and therefore the airspace from the first floor upwards, with a street entrance, which however, this is subject to the demolition of the present maisonette on the first floor and the same tenement is subject to be re built into a shell form state divided differently as an apartment number one in the complex which is yet to be built, and this according to the active building permit (non executable) PA 8150/20, where the existing maisonette will be demolished and rebuilt into four apartments, one on each floor, and a setback apartment on the fifth (5th) floor, excluding the airspace forming part of the same tenement, between half of the ceiling of the ground floor level till the middle of the ceiling of the first floor level, ossia the airspace measuring circa one hundred and twenty five square metre (125sqm) which once the block is built will be forming apartments internally numbered one (1) forming part of the same block of apartments. The apartments will be having access from a common area and lift from the first floor and therefore not from the ground floor level, is subject to the annual and perpetual ground rent of six euro and ninety eight cents (€6.98) and which tenement is bounded south with the said Triq Clarence, west with the maisonette previously numbered twenty two letter A (22A), and north with the derelict land property of the successors in title of Bernarda Aquilina or more correct boundaries and is valued at two hundred thousand euro (€200,000);

c) One third undivided share of the maisonette number four (4), named Anil, in Triq il-Ħawt, Swieqi, situated on the first floor, with access from Triq il-Ħawt, Swieqi, with its roof and airspace, and which is bounded North West with Triq il-Ħawt, whilst from the northeast, southeast and southwest is bounded with property of third parties, and is valued at one hundred and ten thousand euro (€110,000).

